**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

**Seduta numru 39 tas-7 Leġislatura**
**L-Erbgħa 17 ta' Frar 2016**

## MINUTI

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 39 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa, 17 ta' Frar 2016, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Estimi Finanzjarji għas-sena 2015
5. Proġett ta' Europe for Citizens
6. Proġett tat-Town Twinning u Ġemelaġġ
7. Affarijiet Mixxellanji

Għall-din is-Seduta kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella u il-Kunsilliera Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsilliera Clayton Gauci u Mario Sammut kienu skużati.

Is-sede ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ huwa preżentement vakanti.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella.

### 1 Minuti

**dwar punt 4 :** Is-Sindku semma li kien hemm risposta pożittiva ferm għall-attivita' ta' Ġieħ l-Imġarr ta' din is-sena b' ħafna jikkumentaw li kienet waħda mill-aqwa edizzjonijiet.

Elizabeth Ebejer semmiet li tkun idea tajba jekk mis-sena d-dieħla il-Kunsill jibda' jiċċara għalfejn ċertu nomini ma jiġux aċċettati lill-dawk li jkun pproponewhom.

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati.

## 2. Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku informa li kien hemm pjan li jibda' jinġabar l-iskart organiku anke' mill-iskola primarja. Għaldaqstant ser issir laqgħa bejn l-iskola, il-kunsill u l-Wastserv biex jiġi ppjanat dan.

3.2 Is-Sindku semma' li se jkun hemm bżonn ta' xogħolijiet fil-lattrini ta' Ġnien Skorba peress li hemm diversi ħsarat ikkaġunati l-aktar mill-għeruq tas-siġar.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva korrispondenza mingħand il-Kumitat ta' l-ismijiet tat-toroq fejn ġie kkomunikat li l-ismijiet proposti mill-Kunsill kien ġew approvati (ħlief xi bidliet minuri) u ser jiġu approvati.

3.4 Is-sindku semma' li il-biċċa xogħol fi' Triq il-Plejju issa kienet lesta u ser tissebbaħ mill-ELC.

## 4. Estimi Finanzjarji għas-sena 2015

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Estimi Finanzjari tal-2015 u l-Budget tal-2016 kif ukoll il-Pjna ta' Hidma għat-tliet snin li ġejjin.

4.2 Għal din il-parti tas-Seduta, kien preżenti l-Accountant tal-Kunsill, is-sur Daniel Galea, li spjega l-andament finanzjarju tal-operat tal-Kunsill matul l-2015. Spjega kif il-Kunsill mexa bil-għaqal u irnexxilu jonfoq inqas mill-aħħar snin fuq ħafna mill-ispejjes rikkorenti. Iżda is-sitwazzjoni fuq il-karti tidher inqas feliċi peress li l-Kunsill għandu jiġbor madwar €150,000 minn fondi ta' proġetti bħal PPP, UIF, Miżura 125 u Miżura 313. Is-Sur Galea ta' spejgazzjoni dettaljata tal-Estimi u wieġeb il-mistoqsijiet tal-Kunsill dwarhom.

4.3 L-Estimi Finanzjarji għalhekk ġew approvati mill-Kunsill u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li issa dawn ser jgħaddu għand l-Uffiċċju tal-Verifika, lill-Awdituri u lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**5. Proġett ta' Europe for Citizens**

5.1 Il-Kunsill kompla jiddiskuti il-proġett tal-Europe for Citizens, bi' preparament għal-laqgħa mas-Sur Darren Grasso tal-MEUSAC u is-sur Fabian Galea tal-Proġetti tal-UE fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

5.2 Il-Kunsill qabel li jieħu il-parir tal-MEUSAC u d-DLG dwar il-preparamenti tal-proġett. Sadanittant, il-Kunsill approva li jekk minn din il-laqgħa joħroġ il-bżonn li jinħarġu sejħiet għall-offerti jew kwotazzjonijiet, il-Kunsill joħroġhom immedjatament minħabba l-urġenza taż-żmien ta' dan il-proġett.

**6. Proġett tat-Town Twinning u Ġemelaġġ**

6.1 Il-Kunsill kompla jiddiskuti dan il-proġett. Il-Kunsill reġa' wera it-tħassib tiegħu li għad m' għandu l-ebda' ħjiel mingħand id-DLG f' hix waslet l-applikazzjoni tiegħu għall-ġemelaġġ ma' Lagosanto. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien ser jerġa jikteb lid-DLG biex jingħata aktar tgħarif.

6.2 Il-Kunsill qabel li jistenna sakemm isir il-laqgħa mal-MEUSAC dwar il-preparamenti ħalli imbagħad ikollu aktar stampa ċara biex iwettaq dak li hemm bżonn. Fl-istess waqt, għaddej kuntatt dirett ma' Lagosanto dwar il-preparamenti.

**7. Affarijiet Mixxelanji**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien hemm bżonn li jsiru ċertifikazzjoni dwar is-sigurta' tal-playing fields ta' Triq l-Alwiża u Ġnien Skorba. Dan peress li ċ-ċertifikazzjoni tal-MCCAA m' għadhomx isiru. Il-Kunsill approva li is-Segretarju ser ikun qiegħed jieħu ħsieb li dawn iċ-ċertifikazzjonijiet isiru.

7.2 Elizabeth Ebejer semmiet li hemm bżonn li ssir żebgħa mal-bankina ta' Triq Sir Temi Zammit u Triq il-Banjiet Rumani. Eman Vella semma' li dawn il-linji ser ikunu qegħdin isiru minn Transport Malta dalwaqt.

7.3 Elizabeth Ebejer staqsiet x' kien sar bil-feedback li rċieva il-Kunsill dwar il-bdil fir-rottot tas-servizz tat-trasport pubbliku. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-ilmenti u s-suġġerimenti kollha li rċieva il-Kunsill għaddew lill-Malta Public

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

Transport immedjatament, filwaqt li it-talba tiegħu sabiex issir laqgħa bejn il-Kunsill u l-MPT baqgħet ma ġietx imwieġba.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fit-8:20pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 7 ta' Marzu 2016 fil-5:00pm.

*Cyprian Dalli*
Segretarju Ezekuttiv

*Paul Vella*
Sindku